**5 ta' Frar, 1998**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Fortun Fava

**Ksur tal-Mistrieħ tan-Nies**

*Sia għall-finijiet ta' l-artikolu 338 (m) tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll għall-fini ta' l-artikolu 41 (2) tal-Kap. 10, l-inkonvenjent li jrid jirriżulta mhux xi ħaġa oġġettivament rilevabbli bi strumenti u kalkoli tal-fiżika, iżda għandu jirriżulta mid-deposizzjoni jew deposizzjonijiet ta' min ikun qed ibati minn dak l-inkonvenjent. Dak il-ħoss li għall-espert jista' jkun ħoss fi grad minimu, għal ħaddieħor u speċjalment jekk jikkonkorru ċerti ċirkostanzi bħal, per eżempju mard, jista' jkun inkonvenjent enormi. Hu dejjem imħolli fil-ġudizzju prudenti tal-ġurdikant li jivvaluta ċ-ċirkostanzi u l-provi kollha biex jara jekk fil-każ konkret kienx hemm l-inkonvenjent li qed jipprova jipprevjeni l-leġislatur bid-disposizzjoni in diżamina. U dan l-eżerċizzju normalment jista' jsir mingħajr il-ħtieġa ta' esperti.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Esekuttiva kontra Fortun Fava talli fit-2 ta' Diċembru, 1995 għal-ħabta tal-kwarta ta' filgħodu (00.15 am) bħala s-sid u l-persuna responsabbli tal-Hard Rock Cafè li jinsab fi Triq iż-Żirżieb, Xlendi, Għawdex: (1) żamm mużika u ħaddem mutur tal-*fridge* fl-imsemmi ħanut mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija; u (2) dejjaq lill-ġar tiegħu bil-ħsejjes li kienu qed joħorġu mill-imsemmija mużika u mutur tal-*fridge*;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) tal-5 ta' Frar, 1997 li fil-parti dispositiva tagħha taqra hekk:

"Rat l-artikolu 130 (1) tal-Kap. 10 u 338 (m) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Issib lill-imputat ħati ta' l-akkużi kif dedotti u tikkundannah multa ta' ħamsin lira Maltija (Lm50);

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Fortun Fava, minnu

pprezentat fil-21 ta' Frar, 1997, li permezz tiegħu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża; semgħet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Wieħed mill-aggravji ta' l-appellant hu, bażikament, fis-sens li l-artikolu 130 (1) tal-Kap. 10 ma jagħmilx għall-każ. Fuq dan il-punt l-appellant għandu raġun. L-artikolu 130 (1) tal-Kap. 10 jippunixxi lil min, mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, iżomm ħanut tax-xogħol jew jaħdem arti jew sengħa li minnhom infushom jistgħu (mhux neċessarjament fil-fatt ikunu) jdejqu lill-ġirien, jew jistgħu ikunu kaġun ta' ħruq jew ta' splużjoni qawwija jew ta' rwejjaħ li jagħmlu ħsara lis-saħħa, jippunixxi ukoll lil min, dejjem mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, iżomm ħwejjeġ li jikkaġunaw fwar, għabra, jew irwejjaħ li jagħmlu deni jew li jagħtu fastidju; kif ukoll jippunixxi lil min, mingħajr il-liċenzja msemmija, jaħraq, jgħalli, jiddistilla jew b'xi mod ieħor idewweb għeruq, drogi jew ħwejjeġ oħra li jikkaġunaw dawk l-irwejjaħ jew fwar. Minn dan kollu l-appellant mhux biss ma għamel xejn, iżda anqas qed jiġi akkużat li għamel. Il-ħanut tax-xorb u tal-kafè tiegħu hu debitament liċenzjat. L-ewwel imputazzjoni hi sempliċement li żamm mużika u ħaddem *fridge* mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija; tali imputazzjoni ma tinkwadra f'ebda waħda mill-ipotesijiet ikkontemplati f'dan l-artikolu. L-appellant anqas qed jiġi akkużat li kiser xi kundizzjoni tal-liċenzja (presumibbilment maħruġa skond l-artikolu 181 u/jew l-artikolu 183 tal-Kap. 10); u din il-Qorti ma taf b'ebda disposizzjoni tal-liġi, u ebda disposizzjoni tal-liġi ma ġiet indikata lilha mill-Avukat Ġenerali, li tirrikjedi li biex iddoqq mużika u/jew iżżomm *fridge* f'ħanut bħal dak ta' l-appellant trid liċenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija. F'dan il-każ il-mużika kienet ġejja, skond P.C. 555 Michael Angelo Cremona, minn radju jew *cassette-player* żgħir;

Aggravju ieħor ta' l-appellant hu li l-Ewwel Qorti addottat ir-relazzjoni tal-perit tekniku meta dana sempliċement kien qal, *inter alia*, li "seta' kien hemm lok għall-ilment mis-Sur Frans Fava" (sottolinear ta' din il-Qorti) u mhux li effettivament kien hemm lok għall-ilment. Frankament, din il-Qorti ma tarax x'neċessità kien hemm li joqgħod jiġi nnominat espert biex jagħmel il-kalkoli kumplikati li għamel. Sia għall-finijiet ta' l-artikolu 338 (m) tal-Kodiċi Kriminali - ir-reat ipotizzat fit-tieni imputazzjoni - kif ukoll għall-fini ta' l-artikolu 41 (2) tal-Kap. 10, l-inkonvenjent li jrid jirriżulta mhux xi ħaġa oġġettivament rilevabbli bi strumenti u kalkoli tal-fiżika, iżda għandu jirriżulta mid-deposizzjoni jew deposizzjonijiet ta' min ikun qed ibati minn dak l-inkonvenjent. Dak il-ħoss li għall-espert jista' jkun ħoss fi grad minimu, għal ħaddieħor, u speċjalment jekk jikkonkorru ċerti ċirkostanzi bħal per eżempju, mard, jista' jkun inkonvenjent enormi. Hu dejjem imħolli fil-ġudizzju prudenti tal-ġudikant li jivvaluta ċ-ċirkostanzi u l-provi kollha biex jara jekk fil-każ konkret kienx hemm l-inkonvenjent li qed jipprova jipprevjeni l-leġislatur bid-disposizzjonijiet in diżamina. U dan l-eżerċizzju normalment jista' jsir mingħajr il-ħtieġa ta' esperti;

Fil-każ odjern, però, ġara li l-persuna li kienet qed tilment mill-inkonvenjent ma xehditx fl-istadju ta' appell. Infatti, fl-udjenza tal-21 ta' Novembru, 1997, meta ssejjaħ Frans Fava dan baqa' ma deherx, iżda l-prosekuzzjoni ma esebitx ir-riferta relattiva. Għalhekk quddiem din il-Qorti ma hemm ebda prova ta' l-inkonvenjent allegat fit-tieni imputazzjoni;

Għall-motivi premessi, din il-Qorti tilqa' l-appell, tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, ħtija u piena.